SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 42/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/03/'11 269**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/03/'11 326**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Skużata: Il-Kunsilliera Irene Borg

1.05 Kienu preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, is-Sur Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Marzu 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-Public Private Partnership
4. Aġġornament fuq l-aċċessibilita' ħdejn il-Cavallieri Hotel Quay
5. Aġġornament Jum Lapsi
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 41/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 41/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 08/KA1/11 u l-Minuti 09/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

1.3.06 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 4 u 3, qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4 Aġġornament fuq l-aċċessibilita' ħdejn il-Cavallieri Hotel Quay**

4.01 B'riferenza għal-proġett għall-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-Cavallieri Hotel Quay il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- ġie ffirmat il-kuntratt mal-MEPA fir-rigward l-Urban Improvement Funds (Ara Appendiċi 'Ċ');

- Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand id-Direttur għad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward korrispondenza nru. K0280/Proj. Fl/MC/11(Ara AppendiCi 'D') , jekk ikun il-każ tinħareġ sejħa għall-offerti.

4.02 Il-Perit Stephen Farrugia aġġorna lill-Kunsill dwar il-proġett ta' l-aċċessibilita' ħdejn il-Cavallieri Hotel Quay u nforma lill-Kunsill illi ltaqa' kaswalment mas-Sur Anthony Borg, rappreżentant tal-Cavallieri Hotel fejn dan infurmah verbalment illi hemm il-ħsieb li l-Cavallieri Hotel tressaq *junction order* jekk l-Kunsill jibda' bix-xogħolijiet.

4.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Perit Stephen Farrugia jipprepara ittra biex tintbagħat mill-Kunsill lill-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar l-'ownership' ta' l-art f'dik l-area.

**3 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-Public Private Partnership**

3.01 Is-Sur Albert Borg infurma lill-Kunsill li:

- l-kuntratt tal-PPP ġie ffirmat ma' Polidano Brothers Ltd.

- Mill-korrispondenza li ntbagħatet lill-Kunsill mill-WSC jirriżulta li l-WSC ser iħallsu għall-materjal biss filwaqt li l-Kunsill ġie mitlub iħallas għas-'civil works'.

- Fir-rigward tax-xogħolijiet tad-drenaġġ il-WSC ma ndikatx min għandu jħallas għax-xogħolijiet li hemm bżonn isiru.

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ġie nfurmat illi permezz ta' l-avukat reġgħet intbagħtet ittra uffiċjali oħra lill-WSC fejn fost affarijiet oħra il-WSC ġiet infurmata li l-Kunsill m'għandux il-finanzi biex isiru x-xogħolijiet għas-spejjeż tiegħu jekk dawn ma jsirux mill-WSC u li l-Kunsill mhux ser jaċċetta li jsiru xi xogħolijiet fit-toroq li ser isir ir-resurfacing jekk ma jerġax jingħata t-tarmak lit-triq kollha.

3.03 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg ġew skużati fl-4.05pm.

## 2 Korrispondenza

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 891 | Email mingħand il-Banif Bank rigward l-isponsorship għal Jum Lapsi. |
| 898 | Email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xi xogħolijiet li hemm bżonn isiru fl-area ta' Ta' Giorni. |
| 902 | Email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg biex tiskuża ruħha mill-attendenza tal-laqgħa. |
| 905 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 12/2011 – Skema 'Housing'. |
| 934, K230, & 675 | Korrispondenza ma' l-Onorevoli Robert Arrigo rigward ħsarat li ġarrab resident fil-karozza tiegħu fi Triq Birkirkara. |
| 964&K252 | Ittra mingħand il-MEPA rigward PA/02141/09 l-aċċessibilita għall-Bajja tal-Balluta. |
| 965 | Ittra mingħand il-MEPA rigward PA/05864/03 dwar il-ħruġ għall-Compliance Certificate. |

1062 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward Triq is-Sajjied biex tiġi 'One-Way'.

1084 & 1372 Email u ittra mingħand l-Information Technology Service Ltd rigward bidla fir-rata tas-Software Support Agreement.

1155 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Public Private Partnership.

1205 Ittra mingħand il-Balluta Residents Association rigward 'cultural uplift' fil-Pjazza tal-Balluta.

1219 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 52/2010 u Memo 93/2010 – Skema ta' Għajnuna finanzjarja għall-korsijiet lifelong learning.

1243 Ittra mingħand l-Entertainments Ltd rigward ix-xogħolijiet fi Triq Santu Wistin.

1248 & 1520 Emails mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u is-Segretarju tal-Banda San Ġiljan rigward talba minghand il-Banda San Ġiljan biex isir link mas-sit elettroniku tal-Kunsill.

1330 Email mingħand il-Bank of Valletta rigward it-talba ta' sponsorship.

1334 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-Insurance Policy tal-Kunsill.

1336 Email mingħand David Soler bir-rapporti ta' ċitazzjonijiet li ngħataw San Giljan u Paceville.

1399 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta għal talba ta' sponsorship.

1400 Ittra mingħand Robert Bonello rigward talba sabiex ma jibqgħux joperaw sales representatives tal-Malta Sightseeing Tours u City Sightseeing Tours.

1401 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward sponsorship għal tournament internazzjonali tal-waterpolo.

1402 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward talba għal sponsorship għall-iskola tal-għawn u l-waterpolo.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 898

2.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xi xogħolijiet li hemm bżonn isiru fl-area ta' Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsilliera jipprovdu ritratti tat-toroq li għandhom bżonn l-aktar manutenzjoni. Dan biex tintbagħat talba lill-Onor. Perit George Pullicino, Ministru tar-Rizorsi u Infrastruttura sabiex ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni li jirrikjedu urġenza jsiru mill-Ministeru minħabba li l-Kunsill m'għandux il-finanzi biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet.

Rif. Nru. 905

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 12/2011 – Ftehim Kuntrattwali Dwar ix-Xogħlijiet ta' Manutenzjoni fuq l-Oqsma tal-Bini Tal-Gvern. Ġie deċiż unanimament illi f'dan l-istadju l-Kunsill jiċċekja mal-Awtorita' tad-Djar x'għandu jsir.

Rif. Nru. 675, 934 u K230

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand l-Onorevoli Robert Arrigo rigward ħsarat li ġarrab is-Sur Thomas Farrugia fuq il-vettura tiegħu fi Triq Birkirkara. Ġie deċiż unanimament illi s-Sur Farrugia jitħallas l-ammont ta' €150.00c tal-ħsara li ġarrab fuq il-vettura tiegħu.

Rif. Nru. 1062

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-*'One-Way System'* ġo Triq is-Sajjied. Ġie deċiż unanimament illi t-Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kunsill ma kellux ilmenti u għalhekk jaqbel illi Triq is-Sajjied tibqa' permanenti *One Way System*.

Rif. Nru. 1084

2.05 Saret riferenza għall-email u l-ittra mingħand l-Information Technology Service Ltd. rigward bidla fir-rata tas-Software Support Agreement. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta s-*support agreement* bir-rata l-ġdida.

Rif. Nru. 1205

2.06 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Balluta Residents Association ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa nformali mal-Balluta Residents Association sabiex jagħtu l-idejat u s-suġġerimenti tagħhom.

Rif. Nru. 1243

2.07 B'riferenza għat-talba mingħand l-Entertainments Ltd rigward ix-xogħolijiet fi Triq Santu Wistin. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Entertainments Ltd tagħmel ix-xogħolijiet għas-spejjeż tagħhom dment li l-passaġġ jibqa' għall-pubbliku u li jinħargu l-permessi kollha meħtieġa.

Rif. Nru. 1248 u 1520

2.08 Saret riferenza għall-emails mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u s-Segretarju tal-Banda San Ġiljan rigward talba mingħand il-Banda San Ġiljan biex isir link mas-sit elettroniku tal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir link mas-sit elettroniku tal-Kunsill.

Rif. Nru. 1334

2.09 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Insurance Policy tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Insurance Policy ġiet immġedda għal tlett xhur oħra u li ser tinħareġ sejħa għall-offerti.

Rif. Nru. 1336

2.10 Saret riferenza għall-email mingħand Uffiċċjal Awtorizzat is-Sur David Soler bir-rapporti ta' ċitazzjonijiet li ngħataw f'San Giljan u Paceville. Ġie deċiż unanimament illi jintgħalab lill-Kumitat Konġunt li fil-weekends issir aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali n-naħa ta' The Gardens minħabba li qed isir ħafna *double parking* f'din l-area.

Rif. Nru. 1399, 1401 u 1402

2.11 Saret riferenza għall-ittri mingħand l-Għaqda tal-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta u mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club dwar talbiet ta' sponsorship. Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi kopja ta' dawn l-ittri ser tintbagħat lill-Green Mt biex tiġi applikata klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien gie iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awissu 2010.

2.12 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fil-5.15pm.

## 5 Aġġornament Jum Lapsi

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bi program proviżorju tal-attivitijiet li ser isiru f'Jum Lapsi. Iċ-Chairman talab il kooperazzjoni mingħand il-Kunsilliera kollha sabiex din l-attivita' tkun ta' suċċess u peress li biex ittella' attivita' ta' dan it-tip tinvolvi ħafna xogħol.

5.02 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro javvicina lill-Banif Bank sabiex minflok il-ftehim tal-Bank li jisponsorja l-monument, li kellu jsir b'kommemorazzjoni f'għeluq il-ħmistax il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, jintlaħaq fteħim li tiġi sponsorjata l-attivita' ta' Jum Lapsi.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2974 sa 2997 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2974 sa 2997.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 8 Materji Oħra

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- B'riferenza għall-Minuti 41/K6/11 taqsima 2 paragrafu 2.05 il-Kunsill ġie nfurmat verbalment minn Ms Sonia Bruno li din l-iskema qegħda għall-appartamenti biss u mhux għall-maisonettes, għalhekk mhux imdaħħlin fl-iskema;

- B'riferenza għall-Minuti 41/K6/11 taqsima 2 paragrafu 2.04 rigward il-konferenza ta' l-ECAD li ser issir ġewwa Varna fil-Bulgarija mill-11 sal-14 ta' Mejju 2011 ser tattendi s-Segretarju Ezekuttiv mas-Sindku għas-spejjez tal-Kunsill.

8.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

8.03 Saret riferenza għall-minuti 41/K6/11, taqsima 2 paragrafu 2.04. Iċ-Chairman ser ikellem lill-Kuntrattur ta' LK Ltd peress li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mingħandu dwar l-allegat ħsara li saret lill-vettura tas-Sur Keith Camilleri.

8.04 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-5.50pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |